CITTA' NOTABILE

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mdina

## IS-SEBA'LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 76

L-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2019

Il-Kunsill Lokali Mdina ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Corte Capitanale, Misraħ il-Kunsill, Mdina fit-3.00pm.

**PREŻENTI:**

Peter Sant Manduca – Sindku
Joe Debono- Viċi Sindku
Mary Ann Sultana- Kunsilliera
Camille Scerri- Kunsilliera
Alfred Barbaro Sant- Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Mark Mallia – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Peter Sant Manduca ippresjeda l-laqgħa li bdiet fit-3.11pm.

**76.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

76.1.1 Ma kien hemm ebda ittri ta'apologija.

**76.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

76.2.1 Is- SE infurma lil-Kunsill li l-minuti ta' l-Erbgħa u Sebgħin u Ħamsa u Sebghin ser jiġu sottomessi għal approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss

**76.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

76.3.1 Is-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-kamra għal approvazzjoni l-abbozz tal-Bye Law li jirregolaw il-karozzini miġbuda minn bhejjem.

76.3.1.1 Il-Kunsill approva dan l-abbozz u talab lis- SE biex jibgħatom għal approvazzjoni tal-Ministru

76.3.2 Is-Sindku xtaq jirringrazzja lil Kunsilliera u s- SE tas-sehem tagħhom fir-rigward taz-zjara f'Malta tad-delegazzjoni ċiniza minn Dongcheng bħala parti mill-ftiehem tal-Memorandum of Understanding li għandhom l-Mdina u Dongcheng (Beijing)

76.3.3 Is-Sindku ressaq għal approvazzjoni tal-Kunsill is-site plans riveduti fejn ser jiġu installati it-tabelli ta' informazzjoni mid- Dirtettorat tar-Restawr.

76.3.3.1 Il-Kunsill approva din l-installazzjoni.

76.3.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li x-xogħolijiet tar-restawr fl-uffiċċju tal-MTA li qiegħed Torre dello Standardo bdew.

76.3.5 Is-Sindku infurma lill-Kunsill li l-ħsarat li kkawza l-maltemp il-Ħadd 24 ta' Frar 2019 ġewwa Howard Gardens ilaħħqu s-somma ta'kwazi € 5000

**76.4 Bye-Law li jirregolaw il-karozzini miġbuda minn bhima- Approvazzjoni**

76.4.2 Is-SE poġġa fuq il-mejda tal-kamra għal approvazzjoni l-abbozz tal-Bye Law li jirregolaw il-karozzini miġbuda minn bhejjem.

76.4.2.1 Il-Kunsill approva dan l-abbozz u talab lis- SE biex jibgħatom għal approvazzjoni tal-Ministru

## 76.5 Rapporti, Ilmenti u ordnijiet tax-Xogħol

76.5.1 Cirkulari Nru. SPI/05/2019- Rebbiegħa fil-Komunita'-Xettel b'Ilwien in-Natura

76.5.2 Espressjoni ta' Interess DLG- Tħawwil ta' siġar. Il-Kunsill wera interess u ser japplika

76.5.3 Ittra minn OK Medical sabiex jagħtu servizz bla ħlas biex isiru testijiet tas- smigħ fil-Kunsill għar-residenti bejn it 13 u 17 ta' Mejju 2019

76.5.4 Seminar- Skemi dwar still ta' ħajja aħjar għaċ-ċittadini nhar l-Erbgħa 3 ta' April 2019

76.5.5 House of Sport 10K race nhar il-Ħadd 14 ta' April 2019. Il-Kunsill approva

## 76.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti

76.6.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tas-13 ta' Marzu 2019, (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 13, 657.43

76.6.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera Mary Ann Sultana li kienet issekondata mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata miż-żewġ kunsilliera biex juru li hu dokument korrett.

## 76.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss

73.7.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ntemmet fil-16.04pm u ġiet aġġornata għas-9 ta' April 2019 fit-3pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

Data: 9-04-2019_______